ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

---

Minuti tal-Laqgħa Nru. 10 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru 2013 fit- 3.00pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Kunsillieri | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sinjura Miriam Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;

2. Tagħrif mill-Minuti;

3. Korrispondenza;

4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Awissu 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas Awissu 2013;

5. Zebgha tat-Toroq;

6. Tindif f'Santa Marija;

7. Bereg;

8. Pjan Regjonali MEPA;

9. Tenders tal-Periti;

10. Dustbins fil-Pjazza;

11. Cameras Gnien;

12. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form
Bottom of Form

**1. Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 9 ittieħdu bhala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Schembri u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**;

Il-Kunsillier Schembri qalet li l-Lejla Letterarja saret u kien hemm konkorrenza tajba.

Il-Kunsillier Agius flimkien mal-Kunsillier Schembri qalu li l-laqgha li attendew dwar is-Sahha, kienet laqgha interessanti fejn gie spjegat li il-Gvern se jirranga il-Bereg. Qalu ukoll li il-Kunsill irid ihejji rapport dwar il-berga li tinsab fir-Rahal fejn fir-rapport jigi spjegat x'hemm nieqes u x'hemm mehtieg isir. Qalu ukoll li fil-Budget li jmiss, il-Gvern se jalloka fondi ghal dan il-ghan.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mid-Dipartiment fejn bagħatu Memo 20/2013 re:- Korsijiet għall-Adulti ( *Lifelong Learning Classes)* .

   Bagħatu wkoll dwar *Open Call for Proposal AP 2011 – Information Session* fid-29 t'Awissu, 2013.

2. Mill-AKL fejn infurmaw li qed isir laqgħat fuq il-*Youth in Action Programme*.
   Bagħatu wkoll li ser isir laqgħa dwar il-Proġett SMILEGOV fil-11 ta' Settembru, 2013.
   Infurmaw li ser jibdew joħroġu suppliment kull erba' xhur fuq it-*Times of Malta,* fejn jinkludi xi tagħrif dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali u r-Regjuni.

3. Mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjeta' Soċjali, stdeina għal laqgħa ta' diskussjoni mid-9 sat-12.09.2013 ġewwa l-Belt Valletta.

4. Mill-MEPA fejn infurmaw li l-validity date tal-compliance certificate issa ġiet imgedda għal tlett xhur qabel kienet sitt ġimgħat.
Infurmaw wkoll li ser isir *site inspection* fit-13.09.13 rigward PA /02256/10 re; Villa Mekrech.
Bagħatu wkoll jinfurmaw li l-bilanċ tal-UIF huwa ta' € 32,378.

ĦAL GĦAXAQ

5a plenarja

. Mill-GAL Xlokk fejn infurmaw li ser isir laqgħa bilaterali dwar M 313 fl-5 ta' Settembru, 2013, fejn iridu nikkonfermaw min ser jattendi għaliha.
Infurmaw ukoll li ser isir intervista għal programm mad-daqqa t'għajn.

6. Mingħand *Transport Malta*, fejn bagħatu dwar *reserved parking* fi Triq B'bugia.

7. Mingħand il-KNPD, fejn bagħatu r-rapport dwar il-Ġnien il-Kunsill li hemm xi affariijiet li jridu jiġu rranġati.

8. Mingħand *GEP Solutions*, fejn infurmaw li jixtiequ li jagħmlu xi reklami rigward is-servizzi li joiffru. Is-Sindku qal li din il-kumpanija tixtieq tigi tesebixxi il-prodotti taghha ghaldaqstant triq permess biex tarma fil-pjazza biex turi in-nies u tippromovi il-panelli photovoltajici. Wara diskussjoni gie approvat li din il-kumpanija tarma fil-pjazza nhar ta' Hadd izda mhux l-ewwel Hadd ta' Ottubru. Il-Kunsill qabel.

9. Mingħand il-Kunsill Lokali Qormi fejn bagħatu li ser isir Lejl Casal Fornaro fil-21.09.13
Mill-Kunsill Lokali Marsa fejn ser jorganizza Attivita' Kulturali bejn it-12 u t-13.10.13.

10. Mingħand l-Agenzija Żgħażagħ dwar il-*Move Week 2013*.

11. Mil-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi dwar il-*Young Writers' Club*. Is-Sinjura Schembri qalet li Hal Ghaxaq se jsir program biex it-tfal jitghallmu t-teknika tal-kitba. Dawn it-tfal se jkunu minn year 4 sa Form 2.

12. Irċevejna xi kwotazzjonijiet dwar is-servizz ta' *streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill.

13. Kwotazzjoni għal *litter bins* 17.16 Euro mingħand *Andrew Vassallo General Trading Ltd.*

14. Mingħand ELC kwotazzjoni dwar żbir ta' siġar ta' 345 euro fis-sena.

15. Irċevejna xi kwotazzjonijiet dwar kiri ta' van għal użu tal-ħtiġijiet tal-Kunsill. Dawn kienu minghand is-Sur J. Bonello ta' 18.30 Euro (vat inkluza) ghal gurnata, is-Sinjura Nancy Vassallo ta' 6 Euro is-siegha VAT u diesel inkluz u s-Sur Mario Gauci ta' 25 Euro + VAT kul gurnata. Wara li saret diskussjoni gie deciz li tinghazel dik tas-Sur J. Bonello. Ghaldaqstant is-Sur Bonello se jigi ikkuntatjat. Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet atittra lill-MEPA sabiex jiġu skedati t-tlett ġonna li jinsabu fl-Urban Conservation Area ġo Ħal Għaxaq.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**:

*a.* ***Petty Cash***: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Awissu 2013, li kienu jammontaw għal €115.85. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€115.85 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Schembri.

*b.* ***Skeda ta' Ħlas Awwissu 2013***: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2013 u li jammontaw għal €61,295.77. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. <u>Zebgha tat-Toroq</u>**

Il-Vici Sindku qal li saru il-parking bays fuq iz-zewg nahat ta' Triq il-Gudja meta dawn mhux suppost isiru jekk ma jkunux saru l-ewwel darba minn Transport Malta. Kompla jghid li dawn saru bl-addocc.

Il-Vici Sindku qal li hu mhux se jerfgha responsabilita jekk ikun hemm xi accident ghax dawn il-parking bays saru bla permess u minghajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li mhux se jkompli jghamilhom u dawk li saru se jghattihom biz-zebgha sewda.

**6. <u>Tindif fil-Festa ta' Santa Marija</u>**

Is-Sinjura Agius xtaqet tkun taf jekk il-kuntrattur kellux jghamel xoghol extra ghat-tindif fil-Festa ta' Santa Marija. Is-Sindku qal li sar xoghol extra u l-Kunsill se jghamel tajjeb ghalih. Il-Kunsill qabel.

**7. Bereg**

Il-Kunsillier Agius flimkien mal-Kunsillier Schembri qalu li l-laqgha li attendew dwar is-Sahha, kienet laqgha interessanti fejn gie spjegat li il-Gvern se jirranga il-Bereg. Qalu ukoll li il-Kunsill irid ihejji rapport dwar il-berga li tinsab fir-Rahal fejn fir-rapport jigi spjegat x'hemm nieqes u x'hemm mehtieg isir. Qalu ukoll li fil-Budget li jmiss, il-Gvern se jalloka fondi ghal dan il-ghan.

ĦAL GĦAXAQ

**8. Pjan Regjonali MEPA**

Is-Sinjura Agius qalet li l-MEPA se tahdem fuq Pjan Regjonali biex jigi *updated,* ghaldaqstant issuggeriet li ssir laqgha mar-residenti sabiex il-Kunsill jisma lilom u jkun jista jiddeciedi issa meta il-Pjan qieghed fi stadju li wiehed jista jiddiskuti.

Il-Vici Sindku qal li l-Pubbliku jista jigi avvicinat biex jibghat il-proposti.

Il-Kunsill qabel.

**9. Tenders tal-Periti**

Saret diskussjoni dwar it-Tender tal-Perit u gie deciz li johrog tender ghal Project Manager bi kwalifikazzjonijiet ta' Perit. Il-Kunsill qabel.

**10. Dustbins fil-Pjazza**

Is-Sindku qal li Greenpak jixtiequ jkunu jafu kemm jiswew id-dustbins li l-Kunsill bi hsiebu jpoggi fil-pjazza tar-rahal sabiex forsi jkunu jistghu jisponsorjaw dawn id-dustbins.

Is-Sinjura Agius staqsiet kemm hu l-ammont ta' dusbins mehtieg.

Is-Sindku qal li se jara kemm hemm bzonn u qal ukoll li jixtieq jghamel il-qsari bejn il-hadid li jdawwar' li statwa ta' Santa Marija u li statwa innifisa. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**11. Cameras Gnien**

Is-Sindku qal li l-Kunsill ircieva kwotazzjonijiet ghal Cameras minghand Fire & Theft, G4, u R.T.S. Wara diskussjoni dwar dawn il-kumpaniji

x'joffru gie suggerit li tingieb kwotazzjoni minghand il-kumpanija Alberta minhabba li din il-kumpanija filwaqt li ghanda prezzijiet kompetittivi ghanda servizz tajjeb.

Il-Vici Sindku issugggerixxa li s-Sindku jitlob il-Kumpaniji li jipprovdu Cameras wireless biex jghamlu Cameras on trial basis u tintghazel liema l-ahjar.

Il-Kunsill qabel.

ĦAL GĦAXAQ

12. **<u>Suggerimenti mill-Kunsilliera</u>**

1. Is-Sindku qal li fi Triq Gistakol hemm hajt imwaqqa u jehtieg jinbena.

   Il-Vici Sindku qal li jekk hu ta' periklu tintbaghat ittra lil Transport Malta biex il-Kunsill ma jiehux responsabilita jekk xi hadd jaqa.

   Is-Sindku qal li se javza lil sid l-ghalqa. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li Triq il-Wilga qed izzomm l-ilma u jehtieg titranga. L-ahjar li jsir hu li jitwaqqfu l-pagamenti sakemm ma ssir. IL-Kunsill qabel.

3. Is-Sindku qal li fi Triq Santa Marija jehtieg isir patching ghax qed izomm l-ilma meta tkun ix-xita. Dan irid isir mill-kuntrattur. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sindku qal li dik l-area fejn hem mil-hamrija fi Triq il-Bwar jixtieq li titwitta biex tkun tista tintuza bhala parking minhabba li din qed tintuza biex klieb u qtates ihamgu fiha.

   Il-Vici Sindku qal li din l-area parti minnha hi private u ghaldaqstant kull ma jista jghamel il-Kunsill hu li jnaddafa billi jqaxxar il-wicc u titnaddaf biss kull tant zmien. Il-kunsill qabel.

5. Is-Sur Abela qal li wasal iz-zmien li l-iskips jitnehhew, il-vici-Sindku qall li issa meta tghalaq it-tender din ma tergax tohrog u li skips jitnehhew. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sur Abela qal ukoll li aktar il-quddiem meta jitnehhew li skips issiru kameras biex min jibqa jitfa skart fil-lok fejn kien hemm li skips jigi mharrek. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sinjura Agius qalet li l-panelli li saru fuq il-latrini ta' Gnien il-Kunsill qed jinbarxu b'sigra tal-lumi li kibret u qed thokk maghhom, qalet li din tehtieg li tinzabar. Il-Kunsill qabel.

8. Is-Sinjura Schembri qalet li is-Cycling Club jixtieq jghin fil-Walking Club u ghaldaqstant qed jitlob il-Kunsill biex jghati permess lis-Cycling Club jirranagaw il-Wied ta' Has-Saptan. Is-Segretaru flimkien mal-Vici Sindku qalu li din ma tistax issir ghax il-wied mhux devolut lil-Kunsill.

ĦAL GĦAXAQ

9. Is-Sinjura Schembri qalet li se torganizza il-ftuh tal-Waling Club u tixtieq li tghati trophy lil-partecipanti. Il-Kunsill qabel.

10. Is-Sinjura Schembri qalet li minhabba li qed torganizza korsijiet diversi hem mil-htiega li l-Kunsill jixtri white board. Il-Kunsill qabel.

11. Il-Kunsillier Agius qalet li jkun tajjeb li nghamlu laqgha ghal dawk in-nies li jkunu se jispiccaw bil-pensjoni biex ngharrfuhom x'ghandom jghamlu w nghinuhom jsovlu xi problemi li jista jkollom biex japplikaw ghal persjoni. Qalet ukoll li tajjeb niktbu lid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali biex jibghatu persuna intiza fuq dawn l-aplikazzjonijiet biex jigi jghamel tahdita. Il-Kunsill qabel.

12. Il-Kunsillier Schembri qalet li nhar il-Erbgha 4 ta' Settembru se torganizza kuncert u esibizzjoni fli-skola primarja.

13. Is-Sindku qal li xtaq li lis-Sur Raymond Bartolo, haddiem misluf mal-Kunsill jghaddielu cavetta tal-kamra li hemm fejn il-latrini fi Gnien il-Kunsill biex meta jigi kmieni jkun jista jibda ix-xoghol. Il-Kunsill qabel lid an jinghata cavetta meta jkun hemm bzonn u mhux kuljum.

**Aġġornament**

Is-Sindku fis-7.00pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2013 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati: it-Tnejn 16 ta' Settembru 2013, fis-6.00pm</u>**